*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 80**

**Il-Ħamis 17 ta' Jannar 2019**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Cassar-Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Daniel Spiteri – Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

**80.1** ***Qari tal-ittri ta' apoloġiji:***

**80.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill illi hemm żewġ ittri t' apoloġija tal-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt.

**80.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 79 tal-10 ta' Diċembru 2018:***

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**80.2.1** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 2 paragrafu 79.2.4 jekk għadniex xi *feedback* fuq il-problema tal-imwejjed u siġġijiet fi Triq ix-Xatt.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li min-naħa tal-Kunsill ittieħdet azzjoni u min-naħa tal-*Lands Department* qed jkelmu diversi negozji sabiex jirregolaw ruħhom u ser jkomplu jagħmlu dan.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li mill-aħħar laqgħa sa din il-laqgħa ma nbidel xejn u l-abbużi għadhom jsiru.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-problema tal-imwejjed u siġġijiet qed tiżdied fuq il-bankini.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal fil-bandli ta' Pjazza Mifsud Bonnici minn ħdejn il-ħanut taċ-Ċiniz sat-tarf ħlief tabelli bir-riklam u *kiddie machines* ma tarax. Huwa qal li l-ikbar preokupazzjoni tiegħu hija li jweġġa xi ħadd fil-bandli u jfittxu lil Kunsill. Huwa qal illi qed jsiru ħafna abbużi fuq l-imwejjed u siġġijiet u anke affarijiet oħra li mhux suppost joħorġu tal-ħwienet kemm fil-bandli Pjazza Mifsud Bonnici u anke fi Triq ix-Xatt. Huwa qal li f'laqgħa preċedenti konna oġġezzjonajna illi joħorġu mwejjed u siġġijiet ta' stabilment fil-bandli u dan mhux sew li jsir dan l-abbuż għax il-Kunsill nefaq ħafna flus fil-bandli.

Is-Sindku qal li din issa ilha għaddejja u wasal il-waqt li jekk mhux ser jittieħdu passi issir press conference bħala kunsill.

Is-Sindku qal li jekk iridu jistgħu jgħamlu *press conference* bħala kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nerġu niktbu *lil Lands Department* bħala ittra ta' l-aħħar avviż u ntuhom ċans żmien ġimgħa sabiex jieqfu l-abbużi u filkas issir *press conference*.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal-laqgħa fis-6.34pm***

**80.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 3 paragrafu 79.2.6 jekk għandiex risposta fuq il-ħsara tal-mollijiet għaliex biex issir pixxina kien hemm fondi imma biex jissewwew il-ħsarat fil-mollijiet qed jkaxkru saqajhom.

Is-Sindku qal li l-mollijiet waqgħu taħt ir-responsabilita` ta' *Infrastructure Malta* u qed jgħamlu *survey* fuqhom. Huwa kompla jispjega illi ġie avviċinat mill-iżvillupatur li xtara d-dar li magħrufa bħala ta' Bianco fi Pjazza Dun Tarcis Aguis ser jikkonvertijha *f'Boutique Hotel* u qiegħed f'diskussjonijiet ma' *Infrastructure Malta* sabiex jinvesti fit-tisbih tas-simenta ta' faċċata tal-Knisja.

Is-Sindku kompla jgħid illi nhar it-Tnejn li ġej kienu sa jagħlqu Triq il-Qaliet minn San Tumas sa ħdejn il-Waterline sabiex issir bit-tarmak u kien urtat illi ma nfurmawniex illi ser issir u kien ser jinħoloq kaos. Huwa kompla jispjega illi ser tibda il-ġimgħa d-dieħla u ser jgħaddu is-servizzi ukoll.
Il-Kunsill is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk hux ser issir parti jew kollha.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal jekk hux ser issir kordinazzjoni mal-*Infrastructure Malta* sabiex kull fejn ser issir *zebra crossing* fi Triq il-Qaliet għanda issir katusa bil-lest. Huwa kompla jgħid illi fil-preżent f'Marsaskala hawn ħafna postijiet li qed jitbaxxilhom id-dawl u dak iffisser li hemm bżonn jiżiedu is-*substations*.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nikbtu lis-Sur Fredrick Azzopardi ta' *Infrastructure Maluta* u nitolbuh jikkonsulta magħna.

**80.3 *Komunikazzjoni mis-Sindku:***

**80.3.1 Free Fitness Classes (35/0198/19/I):**

Is-Sindku qal illi is-Sinjura Yanica Bonnici qed toffri sabiex jsiru *health and fitness classes* b'xejn u aħna niprovdu il-post.

Is-Sindku qal illi fix-Xitwa m' għandiex post fejn jsir u jekk dawn isiru fis-sajf tkun tista tagħmilhom fuq il-*promenade*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li jixtieq jikkomunika mas-Sinjura Bonnici għaliex jista jagħti l-każ illi post jsibilha peress illi l-korisjiet huma ba ħlas u r-residenti jistgħu jibbenifikaw minn dan.

**80.3.2 Kwotazzjoni Fuljett għal-Ġimgħa Mqaddsa (35/0158/19/I):**

Is-Sindku spjega illi l-Għaqda Mużikali Sant'Anna talbu sabiex l-attivita` tal-Ġimgħa l-kbira issir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u talbuna sabiex il-kunsill jħallas il-*printing* ta' 20 *poster* A3 u 300 fuljett. Huwa kompla jgħid illi l-logo tal-Kunsill ser jkun fil-poster.

Il-Kunsill qabel illi tintgħażel l-orħos kwotazzjoni dik tal-Best print.

**80.3.3 Ħsara fit-tyre tal-vettura tas-Sur Gilmour Monreal:**

Is-Sindku qal illi is-Sur Monreal ġarrab ħsara ġot-*tyre* minħabba ħofra li kien hemm fi Triq id-Daħla ta' San Tumas fejn preżenta rapport tal-puluzija u kopja tal-irċevuta fiskali. Huwa qal illi ħsara tammonta għal €175.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nħalsu 70% tal-klejm li jammonta għal €122.50

**80.3.3.1** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fi Triq is-Salvja fejn waħlu l-*bollards* hemm ħofra u fi Triq il-Blajjiet direzzjoni lejn il-luzzu fejn qed jibnu hemm ħofra oħra.

Is-Sindku qal li ser jieġu ħsiebha għax iridu jitranġaw il-bollards għax wieħed ma jistax joħroġ bid-dgħajsa u jsiru *yellow lines.*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa minn qed jagħmel ix-xogħol fit-telgħa tal-Bidni għaliex hemm ħofra kbira.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li ser niċċekjaw.

**80.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**80.5 Rapporti:**

**80.5.1 Aġġudikazzjoni tat-Tender KLM 2018/05 R – Road Maintenance and Patching Works of access and access only Roads Marsaskala Local Council:**

| | | |
|---|---|---|
| Offer ID 105563 | Roand Maintenance Services Ltd | €285158.43 |
| Offer ID 105533 | Silvar Construction and Services Ltd | €465432.00 |

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lil Kunsilliera illi din is-sejħa għalqet fl-14 ta' Diċembru 2018 u l-bord iltaqa sabiex jevalwa din l-offerta. Huwa kompla jispjega illi bord iddikjara illi iż-żewġ offerenti kienu *administratively, technically and financially compliant* u għaldaqstant il-bord qed jirrakomanda illi din is-sejħa tingħata lil orħos offerent li huwa *Road Maintenance Services Ltd.*

**80.5.1.1** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li mportanti li jaderrixxi mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

**80.5.1.2** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk għandiex stipolat fil-kuntratt kemm għandu żmien sabiex jitlesta x-xogħol minn meta tinbagħat il-*works order*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li irridu niċċekjaw kif ħareġ il-kuntratt filkas issir *memorandum of understanding* dwar dan.

**80.5.1.3** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk hux aħna irridu ninfurmawh fejn irid jsir ix-xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li iva.

Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tingħata lil *Road Maintenance Services Ltd.*

**80.5.2** **Aġġudikazzjoni ta-tender KLM 2018/08 – Construction of Marsaskala Local Council Administrative Office:**

| | | |
|---|---|---|
| Offer ID 105572 | Bava Holdings Ltd | €647369.46 |

Il-Kunsill iddeċieda illi tintefa l-*online streaming* sabiex tiġi diskussa din l-offerta peress li hemm affarijiet kunfidenzjali li għad jridu jiġu diskussi fuq din l-offerta.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lil Kunsilliera illi din l-offerta għalqet nhar l-14 ta' Diċembru 2018 u l-bord iltaqa sabiex jiddiskuta din il-materja. Huwa spjega illi kien hemm offerent wieħed biss u li kien *administratively, technically and financial compliant*. Huwa qara d-deċiżjoni tal-bord fejn qal illi l-bord ma jistax jirrakomanda li din l-offerta tingħata lil *Bava Holdings Ltd* minħabba li hemm differenza sostanzjali bejn l-offerta u bejn l-*estimated value* tal-kuntratt u għaldaqsant l-bord talab lil Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel rapport fejn tinsab id-differenza fil-prezzijiet.

**80.5.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk l-*estimated value* kien imniżżel fit-*tender*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li le u qal li l-*estimated value* kien €410,000 eskluż l-VAT.

**80.5.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa kemm ilha li saret l-istima mill-Perit.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li saret f'inqas minn sena.

**80.5.2.3** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Perit tal-Kunsill għamel *comparative report* bejn l-istimi tiegħu meta ħejja it-tender u dak li issottometta l-offerent *Bava Holidings Ltd*. Wara li s-Segretarju Eżekuttiv qara ir-rapport kollhu tal-Perit ir-rakkomandazzjoni tal-Perit huma hemm kif ġej:

*The undersigned recommends that the prices of the selected items (that were submitted by the bidder) are correct in such a way as to reflect more realistic prices. From the 19 items selected, the item with the highest discrepancy is the design and build of a piling system (item 2.01), amounting to €94,850.00 due to the fact that the bidder's rates are twice the architect's rates. Therefore, by correcting the bidder's price for this item, the total discrepancy would immediately drop by a substantial amount. Additionally, the remaining items recommended for price correction are related to concrete works, steel reinforcement, membranes, blockwork and insulation.*

*Furthermore, it is recommended that the landscaping works listed in Bill F are carried out internally b tje local council, since the rates provided directly to the Local council by other contractors would be much lower than those submitted by a bidder doing a holistic project.*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi waqt l-evalwazzjoni tat-*tender* il-bord iddeċieda sabiex nikkomunikaw mad-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex nistaqsuhom kif il-bord jista jipproċedi. Huwa kompla jispjega illi wieħed mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunstratti spjegat illi fl-ebda ħin il-Kunsill ma jista jiltaqa mal-offerent sabiex jiddiskuti miegħu. Huwa qal illi il-bord jista jikteb ittra lill-offerent fejn jitlob biex jingħata *discount* għaliex l-offerta kient eċċessiva ħafna. Huwa qal illi l-ittra tista tkun dettaljata ħafna u anke nindikaw *fl'liema items* hemm differenzi pero` ma nistgħux nitolboh direttament l-ammont li qed jitalab sabiex jitnaqqas.

- ***Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard daħlet għal-laqgħa fis-7.00pm***

**80.5.2.4** Kien hemm diskussjoni bejn il-Kunsilliera fejn ġie issuġerit illi nitolbu lid-Dipartiment tal-Kunsilli lokali jekk nistgħux ningħataw permess li din il-binja issir *b'direct order* sabiex inkunu nistgħu naqsmuha lil diversi offerenti u probabilment ninfrankaw ħafna flus.

Il-Kunsill qabel li nistaqsu lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

**80.5.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li m'għandiex x'nitilfu billi nitolbu *discount* lil offerent pero` huwa tal-opinjoni illi d-differenza hija sostanzjali u biex tkun tista tiġi ikkunsidrata d-*discount* irid ikun viċin ħafna tar-rakkomandazzjoni tal-Perit.

Is-Sindku qal li jaqbel mal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri li l-Kunsill ma għandux x'jitlef billi jitlob *discount*.

**80.5.2.6** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi soluzzjoni oħra tista tkun li nwaqqgħu l-offerta u li l-offerta l-ġdida tinqasam fi tnejn billi tal-*piling* joħroġ *tender* għalih u l-bini joħroġ *tender* separat.

**80.5.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-preokuppazjoni tiegħu hija li l-Kunsill għamel *budget* u l-offerta hija wisq ferm iktar mill-*budget* tal-Kunsill u dan għadu l-ewwel fażi. Huwa kompla jgħid illi jekk l-offerent ma jtiniex *discount* sostanzjali għandu d-dubju tiegħu jekk hux ser jifdlilna flus sabiex inlestu l-binja bil-*finishings*. Huwa qal illi meta wieħed jara xi jrid jinbena li kull ma hemm żewġ sulari, wieħed jara li ma hemmx ħafna bini għal ammont li dan l-offerent tefa l-offerta tiegħu u anke meta wieħed jara illi l-Perit kien inkluda it-10*% contingency fil-boq's*.

**80.5.2.8** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal jekk nistgħux inkelmu lil Perit forsi eżempju minflok konkrit nużaw planki forsi naqsu mill-*costings*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li biex isir hekk jridu jinbidlu il-BOQ's kollha .

**80.5.2.9** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa tal-opinjoni illi jekk jaqblu li l-bord jibagħat l-ittra tad-*discount,* il-Kunsill għandu jitlolb għal-assitenza legali waqt il-bord sabiex jkunu gwidati legalment.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**80.5.2.10** Il-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk il-Kunsill jaqbilx illi l-bord jibagħat ittra sabiex jitlob *discount*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar għamel premessa illi hu per prinċipju ma jaqbilx li tinbena l-binja u allura ser jastenji minn kull deċiżjoni li ser tittieħed. Filwaqt li l-kumplament tal-Kunsilliera qablu illi nistaqsu lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali illi nistawx nottjenu permess illi din il-binja titħallas *b'direct order* minflokk *tender*, illi l-Bord jibagħat ittra formali lil offerent sabiex ningħataw *discount* sostanzjali u li nieħdu parir mil-avukat tal-Kunsill li preferibilment ikun preżenti waqt is-seduta tal-bord.

**80.5.3** ***Quarterly Financial report 1st January till end of December 2018 (Quarter 4):***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega r-rapport ta' kull kwart li jikkavra l-perjodu minn Settembru sa Diċembru 2018 u qal illi fis-seduta li jmiss ser ngħaddu l-*financial statements* li dawn ikunu iktar fid-dettal.

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tar-rapport tal-kull kwart u s-Sindku issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**80.6** ***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:***

Ma kienx items oħra.

**80.7** ***Korrispondenza:***

**80.7.1** **Bżonn li toħroġ sejħa għall-offerti għal ġbir ta' skart riċiklat. Il-proċess diġa nbeda u l-Kunsill qed jistenna mid-DLG (35/0025/19/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi l-kuntratt mal-Green Mt baqgħa ma ġiex iffirmat u qal li iċċekjana mad-Dipartiment tal-kunsilli Lokali jekk nistgħux noħroġu sejħa bis-sistema pero` nfurmawna illi għad ma nistgħux. Huwa qal li qed jkollna diversi ilment fir-rigward tal-*Green Mt* speċjalment fid-distribuzzjoni tal-boroż il-griżi għax ilhom ma jġibulna xhur. Huwa qal illi lokalitajiet oħra fejn is-servizz jiprovduħ il-Green Pak ma għandhomx dawn il-problemi.

Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 21 ta' Jannar 2019 ser issir laqgħa miegħu għaliex anke il-fatt li aħna irridu nħalsu sabiex jitneħħa dome mkisser meta dan jitkisser mil-kuntrattur tagħhom stess meta jbattlu mhux aċċettabli.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi nhar il-31 ta' Diċembru 2018 il-kuntrattur li jbattal, il-*bring in site* ta' Zonqor battalhom kollha ġo trakk wieħed u għaldaqstant l-iskart isseparat ġie imħallat f'daqqa fit-trakk. Huwa kompla jgħid illi f'laqgħa preċedenti kienu iddiskutew illi meta jibda s-servizz illi l-iskart separat jinġabar darbtejn fil-ġimgħa għandna inaqsu l-*bring in sites*. Huwa kompla jgħid illi bħala *bring in sites* ta' Triq Sant'Tereża, Triq San Gwakkin u Triq Għaxqet l-Għajn jitneħħew.

Is-Sindku wieġbu illi l-iskips ta' Triq San Ġwakkin jaqbel miegħu imma l-iskips ta' Triq Santa Tereża jintużaw.

**80.7.2** **Informazzjoni dwar PC 00024/18 fejn il-Kunsill flimkien ma Tmalta u ħafna residenti kienu oġġezzjonaw- Proposed change in building alignment (35/0025/19/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill kien oġġezzjona għal din l-applikazzjoni fuq il-proposta sabiex jinbidel il-*building alignment* tal-binja li qed tinbena fi Triq is-Sajjieda ma Triq il-Grigal. Huwa kompla jgħid illi is-smigħ għal din l-applikazzjoni ser jsir nhar it-Tlieta 5 ta' Frar 2019.

**80.7.3** **Proposta ta' Karnival għas-sena 2019 (35/0017/19/I):**

Is-Sindku informa lil Kunsilliera bil-proposta tal-*Leon Promotions* sabiex jsir Karnival f'Marzu.

Il-Kunsill qabel li għalkemm hija inizjattiva tajba ħafna l-Kunsill ma jipparteċipax f'din l-inizjattiva minħabba li diġa jsir il-Karnival fis-Sajf u minħabba attivitajiet oħra li l-kunsill jkollu.

**80.7.4** **Deċiżjoni mil-PA favur class 2A Home for elderly over 9 floors- PA 9757/17 (35/0203/19/I)**

Is-Sindku qal illi waqt is-smigħ ta' din l-applikazzjoni ġewwa l-PA hu kien preżenti għaliex il-Kunsill kien oġġezzjona minħabba il-problema ta' nuqqas ta' parkeġġ li ser tinħoloq. Huwa qal illi l-Perit tal-iżviluppatur indirizza li jista jkun hemm problema u qal li jekk jinagħataw sular ieħor jkun jista jsir sular ieħor f'parkeġġ. Huwa kompla jgħid is-Sur Silvan Montesin bagħat imejl f'ishem ir-residenti ta' Triq il-Lampuka fejn qed jitolbuna sabiex bħala Kunsill nwasslu l-messaġġ tagħhom biex id-Dipartiment tal-Edukazzjoni jixtri l-art inwistjoni sabiex tiġi parti mil-bitħa tal-iskola.

Il-Kunsill is-Sur Lawrence Ciantar qal li jekk dawn ir-residenti jridu illi l-Kunsill jressaq din il-proposta għandha tinġabar petizzjoni mir-residenti u titressaq din il-petizzjoni lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi jrid jgħamel premessa illi huwa favur illi jekk issir din il-petizzjoni għanda tibagħat mill-Kunsill għax huwa tal-prinċipju illi favur mal-ispazji pubbliċi. Huwa kompla jgħid illi jsib ironija f'din id-deċiżjoni għaliex meta hu kien issuġġerixxa sabiex Ġnien Sant'Anna jibqa spazzju pubbliku l-Kunsill ma kienx favur u meta huwa issuġġerixxa illi l-Kunsill jitlob lil Gvern sabiex l-eks Jerma Palace tinxtara mill-Gvern u jsir spazzju pubbliku l-Kunsill ma kienx qabel ma din il-proposta.

Is-Sindku qal illi dawk huma żewġ affarijiet differenti minn din l-applikazzjoni u jekk il-Gvern jasal jieħu din il-biċċa art żgur mhux iħallija vojta iżda biex jagħmel estenzjoni mal-binja tal-iskola.

**80.7.5** **<u>Karta tal-Integrazzjoni fuq livell Lokali biex tiġi implimentata fuq livell Lokali (35/0101/19/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jekk naċċettaw li nissieħbu f'dan il-proġett jrid jinħatar Kunsillier responsabbli sabiex jattendi għal laqgħat u jintlaħqu l-miri proposti. Huwa kompla jispjega illi jrid jsir eżerċizzju ta' *mapping*, *database* u f'Ġunju issir laqgħa fejn jiġu mistiedna ir-residetni ukoll. Huwa qal ukoll li Jum il-Lokal trid issir b'din it-tema, fost affarijiet oħra.

Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard qalet li diġa` hemm xi 20 Kunsill Lokali li daħlu f'din l-inizjattiva u f'dan l-istadju qed jitolbu illi jinħatar Kunsillier.

Is-Sindku qal illi peress li f'Mejju ser issir l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali u jista jkun li jkun hemm xi tibdil fil-Kunsill allura jkun aħjar li nissieħbu fiha meta jinħatar Kunsill ġdid.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li huwa joffri li jinħatar bħal Kunsillier responsabbli sa Mejju 2019 sakemm issir l-elezzjoni.

Il-Kunsill qabel li jinħatar il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri sa Mejju.

**80.7.6** **<u>Talba għal għajnuna mil-Grupp tan-Nar Paroċċa Sant'Anna (35/0085/19/I):</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi l-Grupp tan-Nar qed jitlob lil-Kunsill sabiex jgħin fl-ispejjeż tan-nar ta' fuq il-baħar li jiswa madwar €3000 matul il-ġimgħa tal-festa. Huwa kompla jispjega illi persuna li kienet tieħu ħsieb dan in-nar kellha tirtira minn dan il-grupp u qedgħin fir-riskju illi din is-sena n-nar ta' fuq il-baħar ma jsirx. Huwa kompla jispjega illi bħala parti mil-Kultura tal-lokal propju fil-ġurnata meta jingħata n-nar issir l-attivita ta' Iljieli Skalin hekk kif sar ġewwa Bormla.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li irridu inġibu permess illi Iljieli Skalin issir fil-ġimgħa tal-Festa.

Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard qalet illi fl-imejl ma hemmx miktub minn ser jieħu ħsieb l-*insurance* u l-permessi.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jekk ser jkun hemm l-*emblem* tal-Kunsill, il-Kunsill jrid jgħamilhom hu, hekk skond kif infurmawh mil-Kunsill ta' Bormla.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li mal-prinċipju jaqbel iżda din l-attivita` tinvolvi ħafna xogħol. Huwa qal li jridu jsiru l-avviżi, jitneħħew id-dgħajes u għal dan it-tip ta' spettaklu hemm spiża sostanzjali tas-*sound*.

Is-Sindku qal illi s-*sound* ser jieħdu ħsieb huma.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa minn ser jieħu ħsieb il-barkun għaliex fil-kwotazzjoni mhux qeda speċifikata. Huwa qal li jixtieq illi l-kwotazzjoni tkun iktar speċifikata.

Is-Sindku qal illi l-barkun mgħadux jiġi mikri għal dan l-iskop u li meta tkellem mal-kumitat tan-nar dawn kienu speċifiċi u talbu biss is-somma ta' €3000. Dawn aħna konna ninfquhom fil-kunċert u arti fil-beraġ, żewġ attiviatjiet li m'għadhomx isiru.

Il-Kunsill qabel unanimament illi sabiex l-Kunsill ikun salvagwardjat għandha nitolbu għal kwotazzjoni iktar dettaljata u nitolbu l-parir tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

**80.7.7** **<u>Investigazzjoni dwar il-possibilta` li ssir Land Reclamation mil-Kalkara sa Marsaskala:</u>**

Is-Sindku qal li kif anke ġie spjegat fil-laqgħa pubblika mal-kosta qed jsir studju u mhux il-proposta tal-*land reclamation*. Huwa kompla jgħid illi minn diskors tal-Prim Ministru qal li mhux ser issir fis-*south*.

**80.7.8** **<u>Is-Sinjura Claire Attard titla Scale 11 point 4:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill illi s-Sinjura Claire Attard f'Jannar titla *point* oħra cioe` skala11 punt 4.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

**80.8** **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskema ta' pagamenti:</u>**

**80.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-*invoices* li daħlu tard u ser jippreżenthom waqt il-laqgħa:

| Kreditur | Deskrizzjoni | Nru tal-Invoice | Ammont |
|---|---|---|---|
| Ms. Doreen Mintoff | Accountancy Service November 18 | 93 | €545.00 |
| Ms. Doreen Mintoff | Accountancy Service November 18 | 94 | €545.00 |
| Mr. Lawrence Cassar | Christmas Light decoration | 991 | €3000.00 |
| CEB Metals Ltd | 40 bags viafix road repair | SI19001 | €988.84 |
| Oasis Ironmongery | Consuambles | 1545 | €13.30 |
| Oasis Ironmongery | Consuambles | 2490 | €19.91 |
| Comsec | Telephone testing | 18688 | €41.30 |
| Mr. Svetlick Flores | Tender St Anne Garden | 19013 | €125.00 |

**80.8.2** Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-*petty cash* għax-xahar ta' Diċembru 2018

**80.8.3** Il-Kunsillier is-sur Lawrence Ciantar staqsa fuq pagamenti 6401 u 6402 tal-Kuntrattur John Camilleri (Blacksmith) fejn staqsha x'kien ix-xogħol għaliex jidhru li l-istess *għalhekk invoice numbers* differenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li ser jiċċekja.

**80.8.4** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq pagament 6429 tal-kant tal-kunċert fejn staqsa x'kopra.

Is-Sindku wieġbu li kiem hemm 12 il-*string* apparti l-baritonu.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar issekondiet. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**80.9** **Mozzjonijiet:**

**80.9.1** ***Mozzjoni mressqa mis-Sindku - s-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri (178 – 26/12/18)***

"Jipproponi li wara ħafna għajdut u diċeriji rigward ir-reklamazzjoni tal-art fuq il-kosta tagħna, issir diskussjoni għaqlija biex naraw kif l-ERA ħarġet b'xi riżultanzi mingħajr ebda konsultazzjoni mall-Gvern Lokali."

Din il-mozzjoni ġiet irtirata.

**80.9.2** ***Mozzjoni mressqa mis-Sindku - s-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (179-4/1/19):***

"Jipproponi li tinqala l-bankina fi Triq il-Blajjiet minn fejn il-luzzu l fuq, isiru konki ġodda u jitħawlu siġar ġodda."

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li illi f'dik it-triq hemm il-problema bil-konok.

Is-Sindku qal illi naqalgħu l-konok terġgħa issir il-banina u kull fejn titwessa t-triq ngħamlu konka u nħawlu siġra fijha.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li irridu noqgħodu attendti li ma tidjieqx ħafna t-triq u li l-aħjar siġar li jitħawlu hemm huma taċ-ċipress.

Il-Kunsill qabel li issir il-bankina fi Triq il-Blajjiet kif titla min-naħa tal-luzzu, n-naħa tax-xellug u jsiru s-siġar fil-konok fil-partijiet li titwessa it-triq.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ħareġ mil-laqgħa fit-8.34pm***

**a)** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hemm bżonn li ssir il-bankina u dawl fi Triq il-Blajjiet minn Triq Għaxqet l-Għajn sa Triq iż-Żonqor.

Il-Kunsill qabel li nagħmlu laqgħa mas-CEO tal-Enemalta.

**b)** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li f'San Tumas hemm ħafna *caravans* u għandna ninfurmaw lil *Lands Department* sabiex isibilhom post adekwat.

Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lil *Lands Department.*

**80.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss :**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-8.40pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 18 ta' Frar 2019 fis-6:00pm.

Ikkonfermat illum 17 ta' Jannar 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |